

P6_TA(2007)0578

Ftehim KE/Marokk: servizzi bl-ajru, protocol wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (COM(2007)0497 – C6-0329/2007 – 2007/0183(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0497),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 80, 300(2) u 300(4) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0329/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0457/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Renju tal-Marokk.